# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI.

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 10 ta' Ottubru, 2001.**

**Kawza Numru: 4**

**Citaz. Nru. 530/95GV**

Doc. 144-01

**Paul u Maria Dolores konjugi Fenech**

**-vs-**

**Joseph Fenech**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi fis-27 ta' April, 1993, f'Wied il-Ghajn, l-istanti safa' mwegga meta gie milqut mit-Trakk numru U-7659 misjuq mill-konvenut.

Premess illi b'rizultat ta' dan l-istanti baqa' permanentement dizabilitat.

Premess illi l-incident gara minhabba inprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti da parti tal-konvenut izda s-sejha tal-istanti ghar-risarciment tad-danni giet michuda mill-konvenut.

L-attur talab lil din il- Qorti:

1 Tiddikjara lil konvenut reponsabbli ghall-incident imsemmi u ghad-danni kollha li b'rizultat tal-istess sofrew l-istanti;

2 Tillikwida d-danni occorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

3 Tikkundanna lil-konvenut ihallas lill-istanti l-ammont hekk dikjarat u likwidat bhala dovut in linea ta' danni.

Bl-ispejjes, komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-15 ta' Ottubru, 1994 dawk ta' l-ittra ufficjali tat-12 ta Jannar, 1995 u l-konsulti mehtiega (Lm15) kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali tal-lum stess lill assikuraturi tal-konvenut ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghax skond il-ligi, kollox kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni guramenta tal-attur a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezjonijiet tal-konvenut a fol. 10 tal-process fejn eccepixxa:

1 Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u f'id-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kontra l-istess attur billi l-incident tas-27 ta' April, 1993, gara minghajr htija, nuqqas jew negligenza da parti ta' l-eccipjent.

2 Illi skond ma gie referit lill-eccipjent mill-kumpanija assikuratrici tieghu, sew l-ingurji tal-attur u d-danni pretizi minnu huma ezagerati.

3 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-degriet a fol. 25;

Rat ir-relazzjoni tal-espert Dr. A. Galea Debono a fol. 39;

Rat ir-relazzjonijiet tal-perit Richard Aquilina;

Zammet access fuq il-post ta' l-incident;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota ta' l-atturi;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**TALBIET**

L-atturi qed jitolbu li dina l-Qorti tiddikjara lill-konvenut responsabbili ghall-incident tas-27 ta' April, 1993 li gara f'Wied il-Ghajn, u ghad-danni kollha li b'rizultat ta' l-istess sofra l-attur; Tillikwida d-danni sofferti okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi; Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-atturi s-somma hekk likwidata *in linea* ta' danni.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenut eccepixxa: L-incident ma garax htija tieghu; Sew l-ingurji ta' l-attur u d-danni pretizi minnu huma ezagerati.

**PROVI**

**Deskrizzjoni tal-post ta' l-incident fol. 19.**

Il-Perit Richard Aquilina, li kien gie nominat mill-Magistrat Inkwirenti fl-inkjesta li saret wara l-incident, iddeskriva l-post fejn gara l-incident fir-relazzjoni tieghu. Din il-Qorti wkoll accediet fuq il-post ta' l-incident u setghet tikkostata li l-incident gara go ghalqa li ghandha access dirett mit-triq principali. Hdejn id-dhul ta' l-ghalqa hemm kamra zghira u fin-naha ta' gewwa, kmamar ohra, vaska u bir. F'dan ir-raba kienet qed tinqala' l-patata.

**Kostatazzjonijiet fuq il-post fol. 21**

Il-Perit Aquilina ghamel il-kostatazzjonijiet fuq il-post wara l-incident u dawn gew deskritti fil-paragrafi 1 sa 7 ta' l-istess relazzjoni. Importanti ta' min jinnota li:

Id-dahla ta' l-ghalqa kienet wiesgha 2.8 metri u t-truck kien wiesgha 2.5 metri.

Kien hemm barxa u tizliq ta' demm mal-kamra qrib id-dahla f'gholi ta' 1.4 metri fejn kien hemm ukoll ftit xaghar.

It-truck kellu l-qiegh tal-kaxxa gholi 1.4 metri u fix-xewka ta' wara fin-naha tal-lemin ta' din il-kaxxa kien hemm ticpisa lewn id-demm u ftit *tissue*.

Il-Perit Aquilina inghata nkarigu ulterjuri minn dina l-Qorti u pprezenta relazzjoni addizzjonali li tinsab a fol. 130 fejn indika l-gholi tat-truck x'hin ikun f'diversi

posizzjonijiet fit-triq u fl-ghalqa. Dawn il-kalkoli jinsabu a fol. 132. Hu kkonkluda li peress illi l-livell u l-konsistenza ta' l-art, (hamrija) dvarja, hekk kif jiccaqlaq it-truck, l-gholi tieghu jvarja, daqqa jzid meta r-roti tax-xellug isibu l-artab u daqqa jonqos meta r-roti tal-lemin jinzlu fl-artab. (fol. 133).

**Xhieda**

**Il-Perit Aquilina** waqt l-inkjesta kien sema x-xhieda u dina tinsab riportata a fol. 19 sa 21 tar-relazzjoni. Fil-Qorti regghu nstemghu il-provi u xi provi godda.

**L-attur** xehed li l-incident gara meta hu u huh kienu qeghdin fl-ghalqa jigbru l-patata. Hin minnhom il-konvenut kien qed jirriversja t-truck ghal go l-ghalqa minn fetha dejqa fl-ghalqa u hu kien fl-ghalqa qed jaralu fuq wara meta ntlaqat mit-truck. Ara ritratt a fol. 99. Hu ddeskriva l-incident hekk:

*Hija ghajjattli biex ikellimni, mort hdejh fil-kabina tad-driver. Meta rgajt irritornajt lura biex immur fil-post fejn kont, ma taniex cans bizzejjed biex nohrog u qabadni f'dak l-interval ta' sekonda mal-kaxxa tal-genb tieghu, fuq il-lemin, rassni bejn il-kamra zghira li hemm u l-kaxxa tat-truck tieghu.*

*Lili t-truck ghafasli rasi bejn il-hajt tal-kamra u c-chanel tal-kaxxa tat-truck, b'mod li rasi giet feles bejn it-truck u l-hajt, iktar ma gbidt iktar issikkajt. Dak il-hin jiena waqajt f'koma ghal ftit sekondi, imbaghad qomt u mort inxarrab rasi. Hija qalli biex jehodni malajr l-isptar.*

Fuq kontro-ezami wiegeb li spallejh giet taht il-kaxxa tat-*truck*. It-*truck* ma kienx livel fuq il-hamrija. Hu kien ghaddej mill-parti l-aktar dejqa meta t-*truck* iccaqlaq. Kieku t-*truck* ma ccaqlaqx seta' jghaddi. Meta ccaqlaq it-*truck* il-parti d-dejqa djieqet aktar u rasu nqabdet. Meta waqa' gie wara r-rota ta' wara tat-*truck*.

Waqt l-access, l-attur qal li biex mar fejn huh fejn il-kabina hu kellu jghaddi bi zbrixx mal-hajt. Hu qal li meta beda jirriversja l-ewwel darba, hu kien fuq in-naha l-ohra tad-driver biex jurih fejn jidhol, imbaghad mar in-naha l-ohra kif diga' spjega. Bejn it-*truck* u l-hajt kien hemm distanza kemm stajt tghaddi kexxun, cioe tghaddi lagemba. Hu abbuza jghaddi ghax it-*truck* kien wieqaf u kien ghajjatlu huh.

Minn naha tieghu **l-konvenut** xehed li kien qed jirriversja t-*truck* u kien qal lil huh biex jaralu halli jidhol mill-fetha. Kien qed ihares fuq il-lemin tieghu u ra li seta' jghaddi, imbaghad hares fuq in-naha tax-xellug lejn il-mera u baqa' diehel b'lura. Fiz-zewg mirja lil huh ma setghax jarah imkien ghalhekk mar fil-kaxxa tat-truck biex jara fejn kien u sabu wara t-truck ma' l-art bid-demm ma rasu (ara fol. 65 ). Hu ma kien hass xejn mat-*truck* u lanqas sema xejn bl-istorbju tal-makna tat-*truck*. Hu ma kienx qal lil huh minn fejn kellu jaralu.

Meta rega' xehed qal li huh kien qed jaralu minn-naha tal-lemin (fol. 64) Kien rah fil-mera. Hu kien jaf li huh qieghed fuq il-lemin meta beda jirriversja. Imbaghad ma rahx aktar meta dahal bicca ohra. Hares miz-zewg mirja u ma rahx u nizel mit-*truck*. It-*truck* kien miexi bil-kemm jiccaqlaq, bil-mod, bla gass. Hu laqat lill huh bil-posta tal-kaxxa tat-*truck* fil-parti t'isfel tan-naha tal-lemin ghax kien fadal xi xaghar mal-kaxxa.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Skond il- *Highway Code "Before you reverse, make sure that there are no children or other persons or any obstruction, in the blind area behind you".* Ghalhekk kif *driver* li jkun miexi l-quddiem ghandu l-obbligu li jzomm *a proper*

*lookout*, hekk ukoll, jekk mhux b'mod aktar assidwu, ghandu obbligu *driver* li jkun miexi b'lura.

Illi l-incident gara waqt manuvra ta' *reversing*. Il-konvenut kellu lill attur qed jaralu biex jirriversja. Hu kien jaf li l-attur kien qieghed fuq il-lemin qed jaralu. Hu kien qed ihares fuq il-lemin tieghu u seta jara li setgha jghaddi, imbaghad hares fuq in-naha tax-xellug lejn il-mera u baqa' diehel b'lura. Kien f'dan il-hin waqt li qed ihares lejn ix-xellug tieghu fil-mera miexi lura u meta ma kienx jaf fejn kien huh, li laqtu. Dak il-hin l-attur inzerta kien qieghed ghaddej bejn it-*truck* u l-hajt u inhakem mit-*truck*.

Il-konvenut ghalhekk ma kienx qed izomm *proper look out* assidwu biex ma jikkagunax hsara. Kien f'mument ta' dizattenzjoni li l-incident gie kkawzat.

Minn naha l-ohra l-attur qal li hu ghadda bejn it-*truck* u l-hajt fejn kien hemm id-djieq u bil-kemm setgha jghaddi billi t-*truck* kien wieqaf u l-konvenut kien jaf bih u ma stenniex li t-*truck* ser jiccaqlaq dak il-hin li ser ighaddi magembu.

Kwantu ghad-dubbju muri mill-konvenut kemm verament setgha l-attur jintlaqat f'rasu, jirrizulta mill-kostatazzjonijiet li saru fuq il-post mill-Perit Aquilina u anke mill-provi prodotti quddiem dina l-Qorti li fil-fatt l-attur intlaqat f'rasu meta tghaffeg bejn il-hajt u l-kaxxa tat-*truck*.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident.

**LIKWIDAZZJONI DANNI**

***Damnum emergens***

Bhala *damnum emergens* l-attur qed jitlob is-somma ta’ Lm100.37 konsistenti f’*sick leave* li ha meta ma setghax imur ghax-xoghol (fol. 57).

**Dizabilita’**

L-espert mediku nominat minn dina l-Qorti wasal ghall-konkluzzjoni:

*The aforementioned symptoms, which had persisted until the time when he was last seen, i.e. 26.2.97 are all due to the head injury which occurred as a result of the accident of 27.4.93. They are expected to persist indefinitely. The disability resulting from the lack of concentration, impaired memory and deficient sense of smell, etc. is of the order of 12%. In addition Fenech has a chance of developing late epilepsy as a result of the compound depressed fractures….. In the present situation, therefore, Fenech would have to be awarded an additional disability of 8% of 30% which is about 3%.* ***The sum total disability is therefore 15%.***

***Lucrum Cessans***

L-attur esebixxa dokumenti li juru li hu kien impjegat mal-Maltacom *full time* bhala *security guard* u indika l-*gross income* li kien jippercepixxi (ara fol. 88 sa 91). Kien jahdem *partime* fl-ghalqa (l-ebda figura ma hi msemmija); u tlett *part-times* ohra; *part time driver* mal-Faith Garage (ara fol. 58 fejn kien jaqla Lm12 fil-gimgha); *part time driver* mal-Wembly Garage (ara fol. 60 fejn kien jaqla Lm10 fil-gimgha) u *part time waiter* ma Elia (ara fol. 59 fejn kien jaqla Lm10 fil-gimgha). L-attur pero’ ma ndikax f’liema snin kien jahdem dawn il-*part times* u jekk kienux kollha f’daqqa f’sena wahda.

**KALKOLU**

Il-*lucrum cessans* ser jigi kalkolat kif gej:-

Il-Qorti ser tikkalkola fuq paga ta’ Lm7,000 fis-sena li tinkludi l-*full time* u *part time jobs oltre* zieda minhabba inflazzjoni (Lm5,500 bhala paga fuq *avreage* ta’ 4 snin Lm1,000 bhala *part time* u Lm500 ziedid).

Bhala *multiplier* ser tiehu zmien ta’ (15) hmistax il-sena billi l-attur kellu 40 sena meta gara l-incident;

Billi l-attur ser jithallas wara 8 snin mill-incident ser jitnaqqas persentagg ghal *lump sum* ta’ 4%.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Paga | Lm7,000 | Lm 7,000 | |
| Ghal 15 sena | 15 x Lm7,000 | Lm105,000 | 15% |
| Disabilita’ | | Lm15,750 | |
| 4% Lump Sum | | Lm15,120 | |

**TOTAL Lm15,120**

**RIEPILOGU**

| | |
|---|---|
| ***Lucrum Cessan*** | **LM15,120.00** |
| ***Damnum Emergens*** | **LM100.37** |

**TOTAL LM15,220.37**

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident tas-27 ta' April, 1993 li gara f'Wied il-Ghajn, u ghad-danni kollha li b'rizultat ta' l-istess sofra l-attur;

Tillikwida d-danni sofferti fl-ammont ta' Lm15,220.37

Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lil atturi s-somma hekk likwidata *in linea* ta' danni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut u bl-imghax li jibdew jiddekorru fuq l-ammont mid-data ta' dina s-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**FRANKIE MERCIECA**
**Deputat Registratur.**